L-1 ta' Ottubru 2003

# Presentazzjoni tad-Direttorju Servizzi u Beneficcji ghall-Persuni b'dizabilita u l-Familji taghhom

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita` pprezentat lill-pubbliku u lill-media r-raba' edizzjoni tad-direttorju "Servizzi u Benefeccji ghall-Persuni b'Dizabilita' u l-Familji Taghhom". Dan il-ktejjeb fih deskrizzjoni qasira tal-benefficcji u servizzi kollha li s-Socjeta' Maltija toffri lill-persuni b'dizabilita` u l-famiji taghhom biex tassigura opportunitajiet indaqs u kwalita` ta' hajja gholja.

It-taghrif dwar hafna minn dawn is-servizzi jinbidel minn zmien ghal zmien. Ghalhekk it-taghrif f'dan id-direttorju hu korrett u ezatt fid-data tal-pubblikazzjoni. Pero ma' kull taghrif wiehed jista' jsib mod, bit-telefon, bil-posta jew bl-email, kif jista' jivverifika dan it-taghrif.

Dan il-ktejjeb hu bil-Malti pero' l-Kummissjoni diga' hejjiet verzjoni tieghu bl-Ingliz ghal kull min ghandu bzonnu b'din il-lingwa. Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb ukoll fuq audio u b'tipa kbira.  Dan id-Direttorju ser jitpogga ukoll bil-Malti u bl-Ingliz fuq il-website tal-Kummissjoni (www.knpd.org).

Din il-prezentazzjoni lill-pubbliku saret f'ufficcju distretwali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghal tlett ragunijiet principali:

1. wiehed mis-servizzi principali li hemm f'dan il-ktejjeb huma l-beneficcji finanzjarji li dan id-Dipartiment jipprovdi lill-persuni b'dizabilita' u l-familji taghhom;
2. dan id-Dipartiment hafna drabi jkun l-ewwel kuntatt li persuna b'dizabilita' jew il-familja taghha taghmel ma' strutturi ufficjali. Ahna nixtiequ li meta jsir dan l-ewwel kuntatt, il-persuna tinghata dan il-ktejjeb. Ghalhekk il-Kummissjoni ser taghti rack u numru minn dawn il-kotba lil kull ufficcju distretwali biex ikun jista' jsir dan.
3. il-Ministeru tal-Politika Socjali mbarka fuq program biex dawn l-ufficcini jkunu fizikament accessibbli ghal kulhadd inkluz persuni b'dizabilita' anke dawk li juzaw siggu tar-roti. Dan l-ufficcju, bhal ohrajn li hemm f'B'kara, Mosta, Naxxar, Bormla, Rahal Gdid, Haz Zabbar u r-Rabat issa huma fizikament accessibbli ghal kulhadd.

Il-Kummissjoni ser tqassam dan il-ktejjeb lil persuni b'dizaiblita' li huma registrati maghha, dawk li jahdmu f'dan il-qasam u lil kull min b'xi mod jista' jigi bzonnu. Il-Kummissjoni ghal issa pppubblikat tment elef kopja ta' dan il-ktejjeb u jekk ikun hemm il-htiega lesta li tistampa aktar.

Dan il-ktejjeb hu kontribut iehor tal-Kummissjoni fl-okkazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita'. Il-Kummissjoni ghandha program shih ta' attivitajiet ghal kumplament ta' din is-sena. Iz-zewg attivitajiet li jmiss huma kamp ewro-mediterranju ghal zghazagh b'dizabilita' minn hames pajjizi differenti u attivita kommemorativa li tfakkar persuni mejtin li kellhom dizabilita' jew li hadmu f'dan il-qasam.